MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2010

Appell Kriminali Numru. 480/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Siliano Sammut**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost mill-Avukat Generali, minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' Dicembru 2009, u li permezz taghha lliberat lil Siliano Sammut mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

**2.** Siliano Sammut (bin Saviour u Rose nee Borg, imwieled fit-13 ta' Lulju 1972, detentur tal-Karta ta' l-Identita` nru 314272M) tressaq b'att ta' citazzjoni mahrug fl-4 ta' Novembru 2009 akkuzat talli fid-29 ta' Settembru 2009 u fil-jiem u fix-xhur ta' qabel, go ghalqa fi Triq Alonfju [recte: Alofju] Wignacourt [presumibbilment il-Mosta] hazen *fuel* minghajr permess mehtieg mill-awtorita' kompetenti f'ammont ta' aktar minn dak stipulat mill-ligi

(300 litru). Fl-ewwel udjenza quddiem il-Qorti Inferjuri – dik tal-14 ta’ Dicembru 2009 – wara li nstema’ x-xhud Stephen Mifsud li ezebixxa dokument (mac-citazzjoni kien hemm ezebit ukoll affidavit ta’ P.S. 1574), u wara li l-imputat iddikjara li ma kienx ser jiddeponi, l-ewwel qorti ghaddiet biex illiberatu peress li, skond il-fehma taghha, “l-akkuza kif dedotta ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mill-ligi”.

**3.** L-Avukat Generali appella permezz ta’ rikors prezentat fit-30 ta’ Dicembru 2009. Huwa jilmenta li l-Qorti Inferjuri, bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, ma kienitx kompetenti li tiehu konjizzjoni ta’ l-akkuza migjuba kontra Sammut, u li ghalhekk kellha tipprocedi permezz tal-procedura ta’ l-istruttorja (kumpilazzjoni) u mhux titratta l-kaz, bhalma evidentement ittrattatu, bhala wiehed li jaqa’ taht l-Artikolu 370(1) tal-Kap. 9 cioe` bhala kaz sommarju. Huwa jsejjes l-appell tieghu kemm fuq l-Artikolu 413(1)(b)(ii) kif ukoll fuq l-Artikolu 413(1)(c) tal-Kodici Kriminali. Proprjament huwa l-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 413 li japplika; is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) illum ftit li xejn jaghmel sens wara l-mod kif gie *re-drafted* il-kappell tal-imsemmi paragrafu (b).

**5.** Fl-udjenza tal-15 ta’ Jannar 2010, l-appellat, permezz tal-abbili difensur tieghu Dott. Edward Gatt, eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta’ l-appell fis-sens li dan kien gie prezentat wara li kien skada z-zmien. Pero` wara li gew verifikati l-atti kif ukoll ir-registru mizmum fl-Ufficcju tal-Avukat Generali, irrizulta li ma kien hemm ebda tardivita`, u fl-udjenza tal-25 ta’ Jannar 2010 l-appellat Siliano Sammut irira din l-eccezzjoni.

**6.** Fil-meritu, jirrizulta li l-appellant Avukat Generali ghandu ragun. Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak kontemplat fir-regolament 3 tal-A.L. 278 tal-2007 (kif sussegwentement emendat), u dan b’mod partikolari fid-dawl ta’ dak li jipprovdi is-subparagrafu (a) tal-paragrafu (2) tal-imsemmi regolament. Skond ir-regolament 34, imbaghad, il-piena hija ta’ prigunerija ghal perjodu <u>ta’ mhux aktar minn tmintax-il xahar</u>, jew multa, jew il-multa u l-prigunerija flimkien. Ma jidher li hemm ebda

disposizzjoni, la fir-regolamenti u anqas fil-*parent acts*, li tipprovdi li r-reati li ghalihom jirreferi r-regolament 34, minkejja li ghandhom piena li teccedi s-sitt xhur prigunerija, huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Isegwi, ghalhekk, li l-ewwel qorti kellha tipprocedi permezz tal-procedura tal-istruttorja, u ma kienitx kompetenti li tipprocedi kif ipprocediet.

**7.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u konsegwentement, wara li rat l-Artikolu 428(1) tal-Kodici Kriminali, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Dicembru 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Edmond Cuschieri) v. Siliano Sammut**, terga' tqieghed lill-appellant Siliano Sammut fil-posizzjoni li kien fiha minnufih qabel il-bidu tal-udjenza tal-14 ta' Dicembru 2009 quddiem il-Qorti Inferjuri, u tordna li l-atti jergghu jigu rimessi lil dik il-qorti sabiex tipprocedi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------